Diff: 10/04/2002

## TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR:
## Dr Audrey J. Demicoli LL.D.

**Avviz numru 218/02AJD**

**Middle Sea Insurance Plc noe et**

**vs**

**Debono Ruth**

## Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2002

**Maryrose Avellino, bil-Malti, bil-gurament taghha tghid:**

**Fil-11 ta' Novembru 2000, jiena kont qed insuq il-vettura tieghi bin-numru ta' registrazzjoni AAM 686 fi Bluebell Street, Fgura. Waqt li jien**

**kont ghadejja minn din it-triq, smajt hoss u indunajt illi l-vettur tieghi kienet inqabdet ma bieba ta' vettura li kienet ipparkeggjata.**

**Meta jien inzilt mill-vettura tieghi sabiex nara x'gara, rajt lis-sewieqa ta' din il-vettura li kienet ipparkeggjata hierga mill-istess vettura b'borma. Din bdiet tghidli illi jien kwazi hadtilha saqajha, anzi l-aksa ta' saqajha.**

**Jien din il-vettura rajta l-ewwel darba wara l-impatt. Man-naha tat-triq fejn kienet ipparkeggjata il-vettura tal-konvenuta kien hemm ringiela ta' vetturi ohra parkeggjati. Qed nigi muri ritratt li huwa immarkat bhala GE6, u nghid li naqbel li din hija il-hsara li kien hemm fil-vettura tal-konvenuta.**

**Kontro-ezami;**

**Nghid li jien ma rajt ebda griehi f'saqajn il-konvenuta.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Maryrose Avellino dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**